Sentenza tal-qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' April 2010 — Claro vs UASI — Telefónica (Claro)

(Kawża T-225/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja tridimensjonali Claro — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti CLARO — Inammissibbiltà tal-appell ippreżentat quddiem il-Bord tal-Appell — Artikoli 59 u 62 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikoli 60 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Regola 49 (1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95"

Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' appell — Terminu u forma tal-appell — Preżentata, fit-termini, ta' nota li ssemmi r-raġunijiet — Kundizzjoni għall-ammissibbiltà (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 59; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95, Artikolu 1, Regola 49) (ara l-punti 19-21)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Frar 2009 (Każ R 1079/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Telefónica SA u BCP S/A.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Claro SA
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark tridimensjonali li tinkludi l-element denominattiv Claro għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 38 — Applikazzjoni Nru 5229241

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Telefónica, SA
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark verbali Komunitarja preċedenti CLARO (Nru 2017341) b'mod partikolari għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 38
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud bħala inammissibbli, peress li l-appellanti ma ppreżentatx nota li ssemmi r-raġunijiet tal-appell

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Claro SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' April 2010 — Kerma vs UASI (BIOPIETRA)

(Kawża T-586/08)

"Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BIOPIETRA — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"